MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 982/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1378/2012**

**fl-ismijiet :**

**Carmel Debono ID749424(M) u**

***kontra***

**Paul u Rosanne konjugi**

**Wara li l-istess Mandat ta`**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors ta’ Paul u Rosanne konjugi Demanuele (“l-esekutati”) fejn talbu lil din il-Qorti sabiex –
*(a) ... tirrevoka il-Mandat ta` Sekwestru numru 1378/2012 u dan ai termini ta` l-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 ...*

*(b) ... tikkundanna lill-hemmek rikorrenti Sinjuri Debono sabiex ihallsu lill-esponenti in linea ta` penali dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti fl-ammont ta` mhux anqas minn €1164.69 u mhux aktar minn €6988.12 u dan ai termini ta` l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 ...*

Rat id-digriet taghha fejn ordnat in-notifika lill-kontroparti sabiex jipprezentaw risposta f` sebat ijiem zmien min-notifika.

Rat ir-risposta ta` Carmel u Marija konjugi Debono [“l-esekutanti”] fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-esekutati bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat id-digriet taghha fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh tal-provi u trattazzjoni.

Rat id-digriet taghha fejn, wara talba tal-esekutati li ma kienitx opposta mill-esekutanti, awtorizzat l-izbank tal-flus li kienu depositati f`isem l-esekutati fl-APS Bank Limited u li kienu gew depositati taht l-awtorita` tal-Qorti permezz ta` cedola nru 1488/2012.

Rat id-digriet l-iehor taghha ta` wara fejn konkluza t-trattazzjoni tar-rikors halliet il-procediment sabiex taghti provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

## II. **<u>Ir-ragunijiet</u>**

### a) **<u>Tal-esekutati</u>**

**<u>Fil-qosor</u>** ir-ragunijiet tal-esekutati li bihom qeghdin isostnu t-talbiet taghhom huma dawn –

1) Ghalkemm l-eskutati emmnu li kellhom titolu validu fil-ligi ghall-fond mertu tal-kontestazzjoni ta` bejn il-kontendenti, kawza li damet ghaddejja seba` snin, din il-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti tal-Appell hasbuha diversament u kien dikjarat l-izgumbrament taghhom mill-fond. Dan premess l-ebda Qorti ma esprimiet ruhha fis-sens illi l-istanza li kienu qeghdin javvanzaw kienet frivola, vessatorja jew kapriccjuza. U kwindi din il-Qorti ghandha tqis l-animu li mxew maghhom l-esekutanti meta nsistew maghhom ghall-hlas ta` danni ghall-okkupazzjoni tal-fond.

2) Il-quantum tad-danni ghall-okkupazzjoni tal-fond huwa kontestat. Kull parti ghandha perit *ex parte* u hemm divergenza sostanzjali fil-fehmiet tal-periti. Ghalhekk l-esekutanti pprezentaw Mandat ghal ammont eccessiv ben konsapevoli tal-kontestazzjoni dwar il-quantum.

3) L-esekutati qatt ma qaghdu lura milli jiddepositaw taht l-awtorita` tal-Qorti l-kera li kienet dovuta lill-parti l-ohra, u li dawn ma accettawx.

4) L-esekutati zgumbraw mill-fond fit-terminu prefiss mill-Qorti.

5) Bil-Mandat kienu kolpiti depoziti bankarji in eccess mill-ammont li l-parti l-ohra talbu li jigi kawtelat. Kwindi kull ammont in eccess li kien kolpit bil-Mandat ghandu jigi liberat favur l-esekutati.

6) Ma kienx hemm htiega ghall-Mandat ghaliex il-qaghda finanzjarja tal-esekutati hija soda u likwida. Ghalhekk il-Mandat kien frivolu u vessatorju.

**b) <u>Tal-esekutanti</u>**

**<u>Fil-qosor</u>** ir-ragunijiet tal-esekutanti ghala l-Mandat ghandu jibqa` fis-sehh huma dawn –

1) Ma jaccettawx illi l-Mandat huwa frivolu u vessatorju.

2) Bil-Mandat qeghdin jigu kawtelati l-pretensjonijiet legittimi taghhom. Att kawtelatorju huwa ntiz biex ihares kreditu f`kaz ta` decizjoni favorevoli ghall-kreditur.

3) Il-kawza dwar it-titolu hadet iz-zmien biex tkun deciza finalment tort tal-parti ohra ghaliex sar appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti mhux ghax l-esekutati kellhom ragun izda biex jibqghu fil-fond ghal izjed zmien.

4) Il-kawza ghad-danni tal-okkupazzjoni kellha ssir ghaliex il-parti ohra baqghu nadempjenti ghat-talba taghhom ghall-kumpens.

5) Dwar il-quantum, huma joqqghodu fuq il-fehma tal-perit taghhom *ex parte* u abbazi ta` dik il-fehma pprezentaw il-Mandat.

6) L-allegata solidita` finanzjarja tal-parti l-ohra tkun maghrufa tassew fil-mument tal-gheluq tal-kawza fil-mertu mhux fl-istadju tal-Mandat.

7) Jaccettaw illi kull ammont li jeccedi l-ammont kawtelat bil-Mandat ghandu jigi rilaxxjat lill-esekutati.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Risultanzi</u>**

Meta l-esekutat li kontrih ikun inhareg u gie esegwit att kawtelatorju jipprocedi skond l-**<u>Art.836(1) tal-Kap.12</u>** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-**<u>Rikors Nru</u> <u>688/2012</u>**, din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Qabel xejn ghandu jinghad li dak li din il-Qorti trid tasal ghalih f`din il-procedura m`ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitlub mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma harigx b`mod abbuziv*

(ara wkoll – Kumm. GMA. 23 ta` Gunju 1994. "**<u>Hili et vs Farrugia noe et</u>**")

Fil-kaz tal-lum, l-esekutati qeghdin imexxu l-istanza taghhom abbazi tal-**<u>paragrafi (d) u (f)</u>**.

**<u>Il-paragrafu (d)</u>** jaqra hekk :-

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*

L-esekutanti talbu l-hrug tal-Mandat in kawtela ta` pretensjoni taghhom ghal danni ta` okkupazzjoni ta` fond li minnu l-esekutati kienu zgumbrati b`sentenza tal-Qorti tal-Appell. L-esekutati jikkontestaw il-quantum tad-danni pretiz minnhom. Jirrizultaw zewg rapporti ta` periti *ex parte* bi stimi ta` danni konfliggenti. Fil-procediment tal-lum, l-ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza propja bejn il-partijiet.

Fil-provvediment taghha tad-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment **<u>Rikors</u> <u>Nru. 336/2005</u>** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

(ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001. "**<u>Camilleri et vs Gove' et</u>"** u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001. **"<u>Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd</u>"**).

Jirrizulta li l-quantum tad-danni kkawtelat bil-Mandat mill-esekutanti jirrifletti l-istima li saret mill-perit taghhom. Ghalhekk ir-rekwiziti tal-paragrafu (d) ma jirrizultawx fuq livell ta` *prima facie.* Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tippronunzja ruhha dwar il-fondatezza tal-pretensjoni tal-esekutanti jew jekk haqqhomx jiehdu s-somma kawtelata, u dan propju ghaliex mhux dak huwa r-rwol taghha. Ghall-fini ta` dan il-procediment is-somma pretiza mhijiex eccessiva *mad-daqqa t`ghajn.*

Il-**<u>paragrafu (f)</u>** jaqra hekk –

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-**<u>Rikors Nru</u>** **<u>688/2012</u>** (*op. cit.)* din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti.*

*Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz.*

(ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "**Spiteri vs Camilleri**" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**Fenech noe vs Spiteri noe et**")

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tosserva illi l-esekutati ttentaw jghidu illi l-qaghda finanzjarja taghhom hija tajba bizzejjed illi ma kienitx tiggustifika t-talba ghall-hrug tal-Mandat. Fl-istess waqt, mhux biss ma jirrizultax l-istat ipotekarju tal-immobbli li ghalihom l-esekutati jaghmlu referenza, u lanqas xi hjiel dwar is-sahha finanzjarja taghhom oltre dak li qalu fir-rikors, izda u fuq kollox ma ressqu l-ebda garanzija *xierqa ohra* (inkluzi l-immobbli) bhala garanzija alternattiva ghall-Mandat de quo sabiex imbaghad jinvokaw l-applikazzjoni tal-paragrafu (c) tal-Art 836(1). Inoltre l-esekutati ma gabu ghall-konjizzjoni tal-Qorti l-ebda fatt jew cirkostanza li ma kienitx tissussisti meta hareg il-Mandat, u li rrizultat in segwitu u li b`xi mod jista` jkollha piz fuq id-decizjoni ta` din il-Qorti. Kwindi fuq l-assjem ta` dak kollu li ngieb ghall-konjizzjoni taghha, din il-Qorti mhijiex tara gustifikata l-pretensjoni tal-esekutati.

Kull Qorti ghandha tkun iggwidata mill-principju illi d-dritt ta' azzjoni m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab, b`facilita` jew leggerezza, u mill-principju illi persuna ghandha dritt li tikkawtela l-pretensjoni taghha, saz-zmien meta l-pretensjoni dwar id-dritt sostantativ tigi eppurata u deciza fil-kawza dwar il-mertu.

L-esekutati talbu wkoll lill-Qorti sabiex timponi penali skond l-**Art 836(8) tal-Kap 12**.

Din id-disposizzjoni taghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu. Din il-Qorti tghid illi l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba mill-esekutat ghat-thassir tal-Mandat mahrug kontra tieghu (kif gara fil-kaz tal-lum) ma jfissirx li, jekk kemm –il darba

tikkonkorri xi wahda mill-erba` cirkostanzi ndikati fl-Art 836(8) tal-Kap 13 il-Qorti m`ghandhiex tilqa` t-talba ghall-kundanna tal-esekutanti ghall-hlas tal-penali.

Issa fil-kaz tal-lum, l-esekutati qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex timponi penali abbazi tal-**<u>paragrafi (c)</u>** li jaqra hekk -

*jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew*

Fuq l-iskorta tal-atti akkwiziti, din il-Qorti ma ssibx li jirrizultaw l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti Paul u Rosanne konjugi Demanuele bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------